KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 8 ta' Frar 2010 (09.02)
(OR. en)

6137/10

CRS/CSA 1

**RAPPORT SOMMARJU**

| | |
|---|---|
| **Suġġett:** | **L-1378 laqgħa tal-KUMITAT SPEĊJALI DWAR L-AGRIKOLTURA li saret fi Brussell nhar it-Tnejn l-1 ta' Frar 2010** |

**SOMMARJU**

**Paġna**


1. Adozzjoni tal-aġenda ........................................................................................................ 3

2. Metodi ta' ħidma tal-KSA ........................................................................................................ 3

3. Adozzjoni tar-Rapport Sommarju tal-KSA tas-7 ta' Diċembru 2009 ....................................... 3

4. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar" ........................................................................................................ 3

5. Organizzazzjoni tal-ħidma futura........................................................................................................ 3

1. **<u>Adozzjoni tal-aġenda provviżorja</u>**
5798/10 OJ CSA 1

L-aġenda kienet approvata.

2. **<u>Metodi ta' ħidma tal-KSA</u>**
- Implikazzjonijiet tad-dħul fis-seħħ tat-TFUE

Il-<u>Kumitat</u> ħa nota li kien hemm maġġoranza ċara favur il-metodi ta' ħidma riveduti għall-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura, kif ippreżentati fid-dok. DS 1041/10 u mmodifikati fil-laqgħa. Il-<u>Presidenza</u> indikat li t-test konsolidat ta' dawn il-metodi ta' ħidma aġġornati, kif finalizzat mill-Kumitat (dok. 5952/10), ser jiġi ċċirkolat lid-delegazzjonijiet. Il-Kumitat qabel li jirrevedi dawn il-metodi ta' ħidma aġġornati fi tmiem it-terminu tat-Tliet Presidenzi attwali abbażi tal-esperjenza miksuba.

3. **<u>Adozzjoni tar-Rapport Sommarju tal-KSA tas-7 ta' Diċembru 2009</u>**
17558/09 CRS/CSA 1

Il-<u>Kumitat</u> adotta r-Rapport Sommarju tal-1377 laqgħa tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura li saret fi Brussell fis-7 ta' Diċembru 2009.

4. **<u>Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar"</u>**
15330/09 POLGEN 175 COMPET 454 AGRI 480 ALIM 5 AGRISTR 42 AGRIORG 111 + ADD 1-6
5773/10 POLGEN 9 COMPET 25 AGRI 29 ALIM 2 AGRISTR 5 AGRIORG 5

Il-<u>Kumitat</u> ħa nota tal-kummenti mid-<u>delegazzjonijiet</u> (dok. 5773/10) u tar-rimarki mir-<u>rappreżentant tal-Kummissjoni</u>. Il-Presidenza kkonkludiet li l-Kumitat ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'laqgħa li ġejja.

5. **<u>Organizzazzjoni tal-ħidma futura</u>**

<u>Il-Presidenza</u> ppreżentat l-"Aide Memoire" lill-Kumitat għal-laqgħa li jmiss fil-15 ta' Frar 2010.